MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2018

Rikors Maħluf Numru 1180/14LM

**Yasmine Farrugia (detentriċi tal-karta tal-identità numru 357495M)**

***vs.***

**David Callus (detentur tal-karta tal-identità numru 437892M) u b'digriet tat-12 ta' Jannar, 2015 is-soċjetà Argus Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-23 ta' Diċembru, 2014 mill-attriċi **Yasmine Farrugia** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi fit-8 ta' Ottubru, 2011, ir-rikorrenti kienet riekba flimkien ma' ħbieb oħrajn fil-vettura misjuqa mill-intimat fi Triq il-Belt Valletta, Żurrieq meta l-istess intimat*

*tilef il-kontrol tal-vettura li kien qed isuq tal-marka Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni XSI 200 u ħabtet f'arblu tad-dawl u f'ħajt fl-istess triq;*

2. *Illi l-inċident tat-traffiku seħħ unikament tort tal-imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku mill-intimat meta dan kien qiegħed isuq l-istess vettura b'veloċità li kienet teċċedi l-limitu permess u mingħajr id-dovuti prekawzjonijiet;*

3. *Illi b'riżultat ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti soffriet ġrieħi ta' natura gravi u danni u debilità permanenti, senjatament f'saqajha, rasha u wiċċha, u għadha sa llum tirċievi trattament mediku, kif ser jiġi ppruvat waqt il-ġbir tal-provi;*

4. *Illi minkejja l-fatt li l-intimat ġie interpellat għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti, l-intimat baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li ġġib is-suriferiti fatti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara l-intimat responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fit-8 ta' Ottubru, 2011, fi Triq il-Belt Valletta, Żurrieq, li fih korriet gravi r-rikorrenti, passiġġiera fil-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni XSI 200 misjuqa mill-istess intimat, b'riżultat ta' liema soffriet danni u debilità permanenti.*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti b'riżultat tal-inċident ilmentat u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominati għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ; u*

3. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 1629/2013 ppreżentata preċedentement kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar, 2015 fejn is-soċjetà Argus Insurance Agencies Limited għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà estera Argus

Insurance Company (Europe) Limited ġiet awtorizzata tintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis*.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-soċjetà intervenuta **Argus Insurance Agencies Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intervenuta") li ġiet ippreżentata fit-28 ta' Jannar, 2015, li biha eċċepiet:

1. *Illi s-soċjetà esponenti kienet ħarġet polza ta' assigurazzjoni sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni XSI 200 u dana skont ma jirriżulta miċ-Ċertifikat ta' Assigurazzjoni relattiv, illi kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. RG1*[1]*;*

2. *Illi nhar it-8 ta' Ottubru 2011, l-imsemmija vettura kienet involuta f'inċident awtomobilistiku ġewwa Triq il-Belt Valletta, Żurrieq waqt li kienet misjuqa mill-konvenut illi kien taħt l-effett tal-alkoħol u kwindi ma kienx kopert mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva. F'dan ir-rigward is-soċjetà esponenti qiegħda tannetti u tesebixxi kopja tal-Kundizzjonijiet relattivi għall-polza ta' assigurazzjoni maħruġa minnha bħala Dok. RG2*[2]*;*

3. *Illi fiċ-ċirkostanzi għalhekk is-soċjetà esponenti tista' tiġi kkundannata illi tħallas id-danni pretiżi mill-attur biss ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dritt ta' rivalsa kontra l-assigurat tagħha u x-xufier effettiv;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi għandha ġġib l-aħjar prova tal-ħtija tal-konvenut għall-inċident de quo u tal-ammont ta' danni minnha reklamati.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **David Callus** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fl-10 ta' April, 2015, li biha eċċepixxa:

[1] *A fol.* 60.
[2] *A fol.* 61 sa 65.

1. *Illi fl-ewwel lok, l-intimat ma għandu assolutament ebda responsabbilità għall-inċident li seħħ nhar it-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011), fi Triq Valletta, Żurrieq, u dan kif ser jirriżulta aħjar fil-mori tal-kawża, u dan stante illi dan l-inċident ma seħħx minħabba imprudenza, negliġenza, u/jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu;*
2. *Illi konsegwentement l-intimat ma jistax jiġi ddikjarat ħati għal dan l-inċident stradali;*
3. *Illi għalhekk, ma hemm ebda danni x'jiġu hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, a favur tar-rikorrenti, u għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, u dan bl-ispejjeż kontra tagħha;*
4. *Illi għalhekk isegwi illi r-rikorrenti intimat ma jistax jiġi kkundannat iħallas kwalunkwe danni li setgħet sofriet ir-rikorrenti attriċi konsegwenza ta' dan l-inċident;*
5. *Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrileva illi dakinhar tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri hu kien debitament assigurat skont il-liġi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2015 fejn ġew maħtura bħala esperti mediċi f'din il-kawża Mr Joseph N. Borg, kirurgu ortopediku u Mr Joseph E. Briffa, konsulent fil-kirurġija plastika u rikostruttiva, biex wara li jeżaminaw lill-attriċi jirrelataw f'rapport konġunt dwar il-konsegwenzi tal-inċident imsemmi fir-Rikors Maħluf fuq l-istat ta' saħħa tal-attriċi u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attriċi garrbitx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Rat ir-rapporti tal-esperti mediċi Mr Joseph Borg[3] u Mr Joseph Briffa[4] u r-rapport konġunt tagħhom dwar ir-rata ta' diżabilità permanenti totali sofferta mill-attriċi kif ikkalkolata mill-imsemmija esperti mediċi.[5]

[3] *A fol.* 177 sa 181.
[4] *A fol.* 190 sa 193.
[5] *A fol.* 203.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Diċembru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attriċi u tas-soċjetà intervenuta fil-kawża.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija dwar ir-responsabbilità għad-danni u l-*quantum* tad-danni sofferti mill-attriċi meta fit-8 ta' Ottubru, 2011 kienet passiġġiera ma' tliet persuni oħrajn fil-vettura tal-għamla Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni XSI 200 misjuqa mill-konvenut fi Triq il-Belt Valletta, iż-Żurrieq meta ħabat ma' arblu tad-dawl u daħal ġo ħajt. Filwaqt li l-attriċi ssostni li dan l-inċident li kkawża d-danni sofferti minnha kien riżultat ta' sewqan b'veloċità eċċessiva u nuqqas ta' prekawzjonijiet minn naħa tal-konvenut, il-konvenut eċċepixxa li ma kien hemm ebda imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naħa tiegħu u għalhekk ma kien hemm ebda danni x'jiġu kwantifikati kontra tiegħu. Inċidentalment, imma mhux parti mit-talbiet fir-Rikors Maħluf, filwaqt li l-konvenut iddikjara li hu kien assigurat meta seħħ l-inċident, is-soċjetà

intervenuta assiguratriċi tikkontendi li l-konvenut fil-mument tal-inċident seta' jiġi kkunsidrat li ma kienx assigurat għax kien taħt l-effett tal-alkolħol, kontra il-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni u s-soċjetà intervenuta talbet li tiġi awtorizzata tintervjeni f'din il-kawża peress li skont il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, xorta hi obbligata tirriżarċixxi lill-attriċi jekk din tipprova l-każ tagħha salv għad-dritt ta' rivalsa kontra l-assigurat tagħha u x-xufier effettiv.

## Provi u riżultanzi

*Provi tal-attriċi dwar id-dinamika u r-responsabbilità għall-inċident:*

L-attriċi, **Yasmine Farrugia** fl-*affidavit* li ppreżentat[6] tgħid li fil-ġurnata tal-inċident[7], li kien is-Sibt, kienet ħarġet mal-ħbieb tagħha, fosthom Anne Marie Dalli u marru fil-*bar* South Park, iż-Żurrieq, fl-akkwati tad-dar tagħha u wara marru f'*bar* ieħor ma' xi ħbieb oħrajn u wara rritornaw is-South Park. L-attriċi tgħid li wara nofsillejl iltaqgħet ma' Charlot Lia u Nathan Zammit li kienet tafhom u li kienu mal-konvenut li ma kinitx tafu sewwa. Tgħid li dawn eventwalment offrewlhom li jwassluhom id-dar, iżda meta kienu fil-karozza misjuqa mill-konvenut, *Peugeot* 306, numru ta' reġistrazzjoni XSI 200, iddeċidew il-ħamsa li huma li l-ewwel jgħaddu għand il-McDonalds ta' ħdejn l-Ajruport biex jixtru xi ħaġa x'jieklu. L-attriċi tgħid li hi u Anne Marie Dalli kienu fuq wara tal-karozza u f'nofshom kien hemm Nathan Zammit, filwaqt li Carmel Lia kien passiġġier quddiem. L-attriċi tgħid li hija ma rat xejn li ssuspettaha ħażin li l-konvenut kien xurban, anki meta kellmitu. Dwar l-inċident tgħid li ma

[6] *A fol.* 143 u 144.
[7] Proprjament fil-ġurnata ta' qabel l-inċident stante li mir-rapport tal-pulizija l-inċident seħħ il-Ħadd 8 ta' Ottubru, 2011 fit-3.00a.m.

tiftakar xejn għajr li għandha “impressjoni” li f’xi ħin il-karozza bdiet isserrep meta kienet fid-direzzjoni tal-McDonalds. Mal-inċident l-attriċi tgħid li ntilfet minn sensiha u wara sabet ruħha l-isptar u dwar l-inċident dak li kienet taf kien dak li qalulha wara jew li kienet qrat fil-gazzetti.

Xehdu wkoll it-tliet passiġġiera l-oħra li kienu fil-vettura tal-konvenut meta seħħ l-inċident. **Ann Marie Dalli**[8] kkonfermat li kienet waħda mill-erba’ passiġġiera fil-vettura tal-konvenut flimkien mal-attriċi u Carmel Lia u Nathan Zammit. Ix-xhud tgħid li lill-konvenut li kien qed isuq il-vettura kienet tafu wkoll. Ix-xhud tgħid li kienet ġol-bar South Park iż-Żurrieq fejn iltqagħu mal-konvenut u tgħid ukoll li dakinhar kienet ser torqod għand l-attriċi. Però minħabba l-inċident fejn ġarbet daqqa f’rasha u kienet kisret sieqha u l-*femurs* taż-żewġ saqajn u għamlet gimagħtejn l-ITU, ma tiftakar xejn aktar dwar l-inċident, lanqas għalfejn kienet daħlet fil-karozza. Min-naħa l-oħra x-xhud tiftakar fejn kienu bilqiegħda l-ħamsa li huma fil-vettura.

In kontroeżami, Anne Marie Dalli tgħid li dakinhar tal-inċident apparti l-*bar* South Park, kienu marru wkoll f’*bar* ieħor ġewwa Ħal Safi. Ix-xhud tgħid li jidhrilha li l-konvenut kienu ltaqgħu miegħu f’South Park biss, iżda ma tiftakarx kemm damu flimkien fil-*bar* qabel l-inċident. Ix-xhud tikkonferma li kienet ħarġet mal-attriċi għall-ħabta tad-9 ta’ filgħaxija u sa madwar is-sagħtejn u nofs ta’ filgħodu kienu xorbu l-alkoħol fil-*bars.* Ix-xhud tgħid li l-konvenut kien ukoll qiegħed jixrob l-alkoħol però tiftakar li ratu biss fis-South Park, u tgħid però li lanqas kienet qed tixrob miegħu. Tgħid li ma tiftakarx fejn kienu bilqiegħda eżatt fil-vettura u llum taf dan għax kienu qalulha wara l-inċident u milli semgħet mill-Pulizija u minn bnadi oħrajn.

[8] *A fol.* 106 sa 109.

**Nathan Zammit**, passiġġier ieħor fil-vettura tal-konvenut dakinhar tal-inċident, xehed[9] li kienu l-erba' passiġġiera li semmiet l-attriċi u kien qed isuq il-konvenut. Mistoqsi minn din il-Qorti x'ġara, qal li ma tantx jiftakar. Ikkonferma li ma ħabtux ma' karozza oħra iżda ma' *barrier* jew ħajt. Qal li hu kien fin-naħa ta' wara tal-vettura flimkien mal-attriċi. Ikkonferma li t-tfajliet kienu magħhom biex iwassluhom id-dar. Ix-xhud filwaqt li kkonferma li hu ma kienx sofra ġrieħi, jgħid li ma jiftakarx id-dettalji bħal jekk kinux sejrin jieklu l-McDonalds. Mistoqsi dwar il-veloċità li kien qed isuq biha l-konvenut, ix-xhud jgħid "ma niftakarx (li) konna għaddejjin b'xi ħafna ħafna, imma ma nafx eżatt."

In kontroeżami Nathan Zammit jgħid[10] li l-konvenut kien ltaqa' miegħu filgħaxija fid-disgħa u marru jixorbu l-inbid il-Venue. Qal li meta l-konvenut mar is-South Park, hu mar il-każin tal-futbol jiltaqa' ma' sħabu oħrajn u kien biss fl-aħħar li mar lura s-South Park u ma jafx sħabu x'kienu qed jixorbu għax ftit wara tellgħu lit-tfajliet biex iwassluhom id-dar. Konfrontat b'dak li qal lill-Pulizija skont ir-rapport tal-inċident[11], ċjoè li wara l-Venue, fejn kienu marru jixorbu l-inbid, hu niżel mal-konvenut is-South Park fejn "hemm iltqajna mal-oħrajn u qagħdna nixorbu (l-)vodka" u ddeċidew li jwasslu it-tfajliet id-dar xis-2.30 ta' filgħodu, iżda qabel kellhom imorru jieklu l-McDonalds, u ma jissemma imkien każin tal-futbol. Ix-xhud sempliċement jgħid li dakinhar nesa jsemmi li kien mar il-każin, iżda ftakar f'dan wara dawn is-snin kollha, imma llum ma jiftakarx sħabu x'kienu qegħdin jixorbu. Zammit ikkonferma wkoll li hu ma kienx liebes is-*seat belt,* però ma jafx jekk l-oħrajn kellhomx is-*seat belt.*

---

[9] *A fol.* 134 sa 137.
[10] *A fol.* 137 sa 141.
[11] *A fol.* 120.

Qal però li eżatt wara l-ħabta, kif ħareġ mill-karozza, l-erba' l-oħra sabhom barra il-karozza mitfugħin mal-art.

L-aħħar passiġġier, **Carmel Lia** fl-*affidavit* tiegħu jgħid[12] li dakinhar kien għadda għalih il-konvenut bil-karozza flimkien ma' Nathan Zammit f'xid-9.00 ta' filgħaxija u minn hemm marru The Venue għal xi sagħtejn u nofs u xorbu ftit inbid u wara marru s-South Park fejn iltaqgħu mal-attriċi u ma' Anne Marie Dalli u qattgħu xi ħin magħhom. Ix-xhud ikkonferma li meta it-tfajliet riedu jmorru d-dar, il-konvenut offrielhom li jwassalhom, però fil-karozza ddeċidew li l-ewwel jieklu xi ħaġa il-McDonalds ta' fejn l-Ajruport. Ix-xhud jgħid li ma ra xejn stramb fil-konvenut li jħassbu u lanqas l-attriċi ma kienet fis-sakra. Ikkonferma li t-tliet passiġġiera l-oħra kienu fuq wara u hu quddiem. Jiftakar eżatt qabel l-inċident f'xi ħin l-konvenut żied il-veloċità u l-karozza bdiet isserrep fit-triq u l-konvenut tilef il-kontroll. Jgħid li huwa ma ntelifx minn sensih mill-ewwel eżatt wara l-inċident, u l-uniku wieħed li ma tarx mill-karozza kien Nathan Zammit. Lill-attriċi raha f'nofs it-triq u lil Anne Marie Dalli kienet fuq il-*barrier.*

L-attriċi ppreżentat mar-Rikors Maħluf tagħha r-*road traffic accident insurance report* filwaqt li l-*updated report,* ċjoè l-*full road traffic accident report*[13] ġie ippreżentat mill-**Ispettur Lara Butters**, li xehdet[14] li dakinhar tal-inċident kienet *first watch* l-għassa taż-Żurrieq u kif daħlet ix-xogħol ġie rapportat l-inċident u kienet hi li telgħet l-Isptar biex tara l-kundizzjoni tal-ħames żgħażagħ. Però setgħet tieħu *statement* biss mingħand Nathan Zammit u Carmel Lia, għax l-oħrajn ma kinux f'kundizzjoni li setgħet tkellimhom. Ma rriżultalhiex li kien hemm xi vetturi oħra involuti fl-inċident u r-rapport ma

[12] *A fol.* 150.
[13] *A fol.* 118 sa 126.
[14] *A fol.* 114 sa 117.

ġiex redatt minnha ħlief għall-istqarrijiet ta' Nathan Zammit u ta' Carmel Lia. Qalet li r-rapport ġie redatt mis-Surġent Malcolm Pace u kienet aċċediet fuq il-post tal-inċident l-Ispettur Priscilla Caruana u kien wassalha fuq il-post il-PC Aaron Debono. L-investigazzjoni kriminali fejn spiċċa akkużat il-konvenut, kienet tmexxiet mill-Ispettur Priscilla Caruana. L-istqarrija li ħadet ix-xhud mingħand Nathan Zammit kienet tgħid:

> "Iltqajt ma' David għal xid-9.00 p.m. id-dar tiegħi u flimkien inżilna bil-vettura tiegħu ta' għamla Peugeot u morna The Venue nixorbu inbid. Wara morna ġo *bar* ieħor jismu South Park u hemm iltqajna mal-oħrajn u qadna nixorbu vodka. Xis-2.30 a.m. iddeċidejna li nwasslu lit-tfajliet id-dar imma qabel kellna mmorru nieklu McDonalds li hemm l-*airport.* Jien u ż-żewġ tfajliet konna bilqegħda fuq wara u jien ma kelliex *seat belt.* Hdejja poġġiet Yasmine u fejn Yasmine qagħdet Ann Marie. Kif konna għaddejin **bis-saħħa**[15] minn Valletta Road, Żurrieq skidjajna bil-vettura. Kif skidjajna ma niftakarx, li niftakar hu li kif il-karozza skidjat, bdiet isserrep 'l hemm u 'l hawn minn naħa għal oħra tat-triq u bqajna deħlin ġol-ħajt bil-quddiem tal-karozza u l-karozza daret darbtejn. Kif jien qomt sibt ruħi fil-karozza waħdi. Naf li Ann Marie rajtha mal-art ħdejn *crash barrier* u David kien faċċata tagħha mixħut ukoll mal-art. Yasmine kienet kważi fejn Ann Marie u Carmel ma nafx fejn kien."[16]

L-istqarrija ta' Carmel Lia tgħid:

> " Il-bieraħ 7 ta' Ottubru, 2011, għall-ħabta tad-9 p.m. iltqajt ma' David u morna The Venue li jinsab Blue Grotto Avenue, Żurrieq. Wara li qadna nixorbu inbid morna ġo *bar* ieħor li jismu South Park u hemm iltqajna mal-oħrajn. Flimkien qadna nixorbu vodka u wara ddeċidejna li mmorru nieklu l-ħamsa li aħna McDonalds tal-*airport* u wara nwasslu t-tfajliet id-dar. Jien qed bilqegħda fuq quddiem ħdejn ix-xufier u Nathan u t-tfajliet qagħdu fuq wara. Jien ilbist is-*seat belt* imma l-oħrajn ma nafx x'għamlu. David beda jsuq b'**veloċità qawwija**[17] għax it-triq kienet vojta u ħin minnhom xi ħadd minn wara qallu biex isuq bil-mod. Kif qbadna Triq

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.
[16] *A fol.* 120 tal-proċess.
[17] Enfasi ta' din il-Qorti.

> Valletta, Żurrieq, naf li filli konna għaddejjin, filli f'daqqa waħda l-karozza skidjat u bqajna deħlin ġo ħajt. Jien bid-daqqa ħriġt minn ġol-karozza imma ma niftakarx kif u minn fejn ħrieġt. Kull ma niftakar li kif tirt minn ġol karozza ġejt fuq il-bankina 'il fuq minn fejn waqfet il-vettura. In-naħa l-oħra tat-triq mal-*crash barrier* rajt lil Ann Marie mitfugħha mal-art. Jien intlift minn sensija."[18]

**PC 1149 Aaron Debono** xehed[19] li hu ma kienx involut fl-investigazzjonijiet li saru. Kien biss wassal fuq il-post mhux lill-Ispettur Priscilla Caruana, iżda lil ex PS 850 Simon Buttigieg.

Mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li PS 850 Simon Buttiġieg fid-9 ta' Ottubru kellem lill-attriċi u ħadilha stqarrija li tgħid[20]:

> *"... where she stated that at about 21.30 hrs. Yasmine Farrugia together with her friend namely Ann Marie Dalli went to South Park bar situated in Blue Grotto Avenue, Zurrieq and thereat met with David Callus, Nathan Zammit and Carmel Lia for a drink. Later on David Callus, Nathan Zammit and Carmel Lia decided that they wanted to go to McDonalds for something to eat but Yasmine Farrugia could not remember the time. When they left from Blue Grotto Avenue towards Valletta Road all that Yasmine Farrugia could remember was that David Callus* ***was driving at an excessive speed***[21] *but doesn't remember by how much and that David Callus's vehicle was swerving from one side to another and doesn't remember what happened afterwards. When asked by PS 850 if David Callus was drinking before driving said vehicle, Yasmine Farrugia stated that she remembered David had a couple of drinks but doesn't know how much."*

Mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li kien hemm ħsara mhux biss fil-ħajt tas-sejjieħ imma wkoll fl-arblu tad-dawl. Fejn seħħ l-inċident ma kienx hemm *road*

---

[18] *A fol.* 122 u 123.
[19] *A fol.* 127 u 128.
[20] *A fol.* 125 u 126.
[21] Enfasi ta' din il-Qorti.

*works,* u l-kundizzjoni tat-triq kienet tajba u bit-*tarmac*. L-veloċità massima fi Triq il-Belt Valletta, iż-Żurrieq kienet ta' 60 k.p.h. u l-art kienet niexfa. Id-dwal tat-triq kienu mixgħulin.

**L-Ispettur Priscilla Caruana** xehdet[22] li meta saret taf li kien hemm nies fil-periklu tal-mewt konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, kienet infurmat lill-Maġistrat tal-Għassa Gabriella Vella, li ħatret bħala esperti lil Dr Mario Scerri, il-P.L. Mario Buttigieg, il-Perit Richard Aquilina u lil PC Duncan Manicolo. Mir-rapport li ħejjew l-esperti fl-Inkjesta, irriżulta li l-vettura li kienet misjuqa mill-konvenut kellha kolliżjoni, daret u ħabtet mal-ġenb tat-triq għal ġo arblu tad-dawl. L-attriċi u Anne Marie Dalli kienu fuq is-*seat* ta' wara u bl-impatt imbeżqu barra mill-karozza. Ittieħdu proċeduri kontra l-konvenut u kienet l-Ispettur Caruana li mexxiet il-proċeduri quddiem il-Maġistrat Anthony Vella. Ix-xhud kienet ħejjiet rapport lill-Maġistrat Vella.[23]

In kontroeżami[24] l-Ispettur Priscilla Caruana kkonfermat li l-Isptar għamlu test għal konsum tal-alkoħol fuq il-konvenut biss. Ix-xhud ikkonfermat ukoll is-sentenza datata 5 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet **Spettur Priscilla Caruana *vs.* David Callus**[25], li kopja legali tagħha kienet ġiet ippreżentata mill-Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali **Dr Elizabeth Quintano**. F'din is-sentenza jingħad li mill-provi rriżulta li l-konvenut odjern, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kien qed isuq b'veloċità eċċessiva u eżaġerata tant li bil-ħabta xi passiġġiera spiċċaw mormija barra mill-vettura tiegħu. Jingħad li wara l-impatt il-vettura baqgħet iddur u spiċċat sebgħa u sebgħin (77) metru 'l bogħod.

[22] *A fol.* 129 sa 131.
[23] *A fol.* 133.
[24] *A fol.* 131 u 132.
[25] *A fol.* 101 sa 105 tal-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Jingħad ukoll li tant l-impatt kien vjolenti li ħafna mill-knaten tal-ħajt inqalgħu minn posthom u nxterrdu fit-triq. Intqal ukoll is-segwenti:

> "Fil-fatt, l-espert mekkaniku Mario Buttigieg jagħmel eżami tal-veloċità tal-vettura, tenut kont tal-ħsara magħmula, tad-distanza fejn waqfet il-vettura u tal-kundizzjoni tat-triq, u kkalkula li l-vettura kienet qed tinstaq bejn wieħed u ieħor b'veloċità ta' madwar 169 kilometru fis-siegħa. Dan ifisser li l-imputat kien qed isuq il-vettura tiegħu b'manjiera bla kont għall-aħħar, la għal saħħtu u lanqas għas-saħħa ta' min kien riekeb miegħu. Ma rriżulta ebda raġuni estranja għall-ħabta. Għalhekk huwa biss l-imputat li jaħti għal dan l-inċident u għall-konsegwenzi kollha li rrisultaw minnu."

Filwaqt li l-konvenut filwaqt li ġie misjub unikament responsabbli għall-inċident u ħati tal-akkużi li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti kkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq l-attriċi u fuq Ann Marie Dalli u ta' natura ħafifa fuq Nathan Zammit u Carmel Lia, u li saq il-vettura XSI 200 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluża u b'sewqan eċċessiv, ma nstabx ħati ta' sewqan waqt li kien taħt l-effett tax-xorb. Dan għaliex filwaqt li t-tabib Dr Mario Scerri kkonkluda li l-ammont ta' alkoħol fid-demm tal-konvenut kien ta' 179 mg/dl, ferm ogħla minn dak permissibbli mil-liġi, il-*file* mediku tal-isptar tal-konvenut li minnu jirriżulta dan l-ammont ta' alkoħol fid-demm, huwa ndikat bħala *"not for medico-legal use",* il-Maġistrat Vella qies dan bħala nuqqas ta' konferma li dak kien riżultat konklussiv għall-finijiet tal-proċeduri kriminali u ta l-benefiċċju tad-dubju lill-akkużat. Fis-sentenza intqal ukoll li hekk jew hekk kien hemm provi biżżejjed biex tinstab ħtija rigward l-imputazzjonijiet l-oħra kollha "li fl-assjem tagħhom huma ħafna aktar ta' portata mill-ħames imputazzjoni (sewqan taħt l-effet tax-xorb) weħidha."

*Provi tal-konvenut dwar id-dinamika u responsabbilità għall-inċident:*

Il-konvenut **David Callus** fl-*affidavit* tiegħu[26] jikkonferma li ġab il-liċenzja tas-sewqan fi Frar tal-2011 u li dak iż-żmien kien isuq il-vettura Peugeot 306 u ma kien għamlilha l-ebda modifikazzjonijiet fil-magna jew fis-*seats.* Fil-ġurnata ta' qabel l-inċident il-konvenut jgħid li kien għamel mill-10 ta' filgħodu sas-7 ta' filgħaxija rieqed għax kien ħadem xogħol ta' billejl mal-kumpannija C & K Ciappara Poultry u dakinhar is-Sibt kellu jgħaddi għal sħabu Carmel Lia u Nathan Zammit. Ikkonferma li għadda għalihom fid-9 ta' filgħaxija u marru l-*pub* Venue fejn qagħdu jitħaddtu. Ma jiftakarx jekk xorobx, iżda jgħid li jekk xorob, xorob ftit għax kien jaf li qed isuq u kellu jsuq bi sħabu miegħu. Telqu mill-Venue għall-ħabta tan-12.30 a.m. u marru *pub* ieħor is-South Park. Hawn jerġa' jgħid li ma jiftakarx jekk xorobx alkoħol, iżda jekk xorob kienet xi ħaġa żgħira minħabba li kien qed isuq hu. Jgħid li hemm iltaqgħu mal-attriċi u ma' Ann Marie Dalli u xi nofs siegħa wara għas-2.00 p.m. iddeċiedew li jmorru lkoll jieklu l-McDonalds. Jgħid li t-tfajliet kienu jidhru t-tnejn xurbana sew u l-attriċi kienet fi stat *hyper* u *happy*, iżda mbagħad jikkontradixxi ruħu meta jgħid li t-tfajliet ma kinux xurbana ta' barra minn hawn għax kieku ma kienx itellagħhom fil-karozza. Il-konvenut jgħid li ma jiftakarx li saq b'veloċità eċċessiva u qal li filwaqt li kien għaddej f'parti dritta tat-triq, l-i*steering* beda qisu jiċċaqlaq min-naħa għall-oħra u ħassu iebes, il-karozza tilfet il-kontroll u spiċċa ġol-ħajt tax-xellug. Ma jiftakarx jekk f'dak il-paniku għafasx il-*brake*. Wara ma ftakar xejn aktar u qam l-Isptar.

---

[26] *A fol.* 223 sa 225.

In kontroeżami l-attriċi Yasmine Farrugia tgħid[27] li hi u Anne Marie Dalli kienu marru fl-ewwel *bar* bil-mixi. Iltaqgħu ma' xi ħbieb u ħadu *drink* ma sħabhom. Mal-konvenut iltaqgħu wara, iżda ma tiftakarx kemm wara. L-attriċi tikkonferma li fil-*bar* South Park xorbot ukoll u b'kollox tikkalkula li ħadet dakinhar f'temp ta' xi erba' sigħat xi ħames tazzi vodka imħalltin bil-Coca. L-attriċi tgħid li ma tiftakarx x'ġara meta ħarġu t-tieni darba minn South Park u tattribwixxi dan in-nuqqas ta' memorja għad-daqqa li qalet fl-inċident mhux għax kienet xurbana. L-attriċi tgħid li meta hi kellmet lill-konvenut dan ma deherx li kien fis-sakra u lanqas l-oħrajn ma kienu fis-sakra. L-attriċi tgħid li saret taf kif spiċċat fil-karozza tal-konvenut għax kienu qalulha sħabha wara l-inċident. Però għalkemm ma tiftakar xejn x'kien ġara hekk kif telqu minn South Park, baqgħet bl-impressjoni li l-karozza tal-konvenut qabel l-inċident bdiet isserrep u tammetti li setgħet kienet l-immaġinazzjoni tagħha, mhux għax semgħet lill-oħrajn jgħidu hekk.

In kontroeżami x-xhud **Carmel Lia**[28] jgħid li meta kien is-South Park hu ħa madwar erba' drinks u jista' jkun li meta xorob ma kienx fil-kumpannija tal-konvenut u l-passiġġiera l-oħra li kienu fil-karozza tal-konvenut fil-ħin tal-inċident. Iżda fuq domanda ta' din il-Qorti ix-xhud ftakar li ħallas xi *drink* lill-konvenut. Ix-xhud jgħid li qabel ma telqu minn South Park, ma deherlux li l-konvenut kien fi stat li ma jiflaħx isuq. Ix-xhud jgħid li l-konvenut qabel l-inċident kien qed isuq b'veloċità ta' aktar minn 80 mil fis-siegħa skont kif ikkalkula hu u dan mhux għax kien qed iħares lejn is-*speedometer.*

---

[27] *A fol.* 231 sa 239.
[28] *A fol.* 271 sa 273.

*Provi tas-soċjetà intervenuta fil-kawża dwar id-dinamika u responsabbilità għall-inċident:*

In kontroeżami Yasmine Farrugia tgħid[29] li ma tiftakarx kemm il-*drink* ħadet sal-mument li ħarġu minn South Park wara nofsillejl. L-attriċi tispjega li l-konvenut ma ratux fis-sakra, idaħħak jew jixxengel, sal-mument li baqgħet tiftakar. Taf li kellu xi xorb f'idu u assumiet li ma kienx ilma. Kwantu għal dak li qalet fix-xhieda tagħha li hija kienet fin-nofs fis-seat ta' wara tal-vettura tal-konvenut, dan tafu minn dak li qalulha wara l-inċident u seta' ma kienx dan il-każ ukoll għax ma tiftakarx u lanqas tiftakar jekk kinitx liebsa s-*seat belt.*

In kontroeżami l-konvenut David Callus[30] jgħid li seta' jagħti l-każ li kif kienu jagħmlu s-soltu, fil-*pub* Venue, hu, Nathan Zammit u Carmel Lia bdew jixtru *rounds* ta' birra lil xulxin u fil-ħin li għamlu hemm seta' ħa madwar erba' jew ħames pinet birra. Hemmhekk baqgħu waħedhom u ma kinux ma' nies oħra. Meta għan-nofsiegħa ta' billejl marru s-South Park, jgħid li huwa ma baqax ma' Nathan Zammit u Carmel Lia. L-attriċi kienet miftiehma ma' Nathan Zammit imma hu ma kienx jafha u reġgħu ltaqgħu flimkien lkoll ftit qabel ma telqu minn South Park. Il-konvenut jgħid li ma jiftakarx x'kien xorob hemmhekk. Qal li ma jafx x'kienet qed tixrob l-attriċi. Lill-attriċi jafha biss għax kienet għarusa ma' ħabib tiegħu u dakinhar kellha tiltaqa' ma' Nathan Zammit. Il-konvenut jgħid li l-karozza tiegħu kienet armata bi tliet *seat belts* fis-seat ta' wara għax kienet 5 *seater.* Il-konvenut jgħid ukoll illi s-soltu jilbes is-*seat belt* imma dakinhar ma kienx liebes is-*seat belt* u ma jiftakarx għaliex ma libsux. Ma jafx jekk l-oħrajn kinux lebsin is-*seat belt.* Il-konvenut jikkonferma li fejn seħħ l-inċident it-triq hija pjuttost dritta, wiesgħa u ma

[29] *A fol.* 241 sa 248.
[30] *A fol.* 252 sa 258.

kienx hemm vetturi oħra dak il-ħin. Il-konvenut jgħid li dakinhar tal-inċident kien qed isuq minimu ta' sittin k.p.h. iżda ma jafx b'kemm iktar. Il-karozza li kellu kienet *second hand* u hekk kif xtraha kien għamlilha *service* u ma kellhiex problemi fl-i*steering* meta kien jużaha fil-*weekends.* Fl-inċident il-karozza tiegħu ġarrbet daqqa kbira quddiem u kellha rota ta' wara mifquha u wara li l-karozza ġiet ritornata mill-Pulizija, peress li kellu karozza oħra, ma rax li kien jaqbillu jsewwiha u biegħha bħala *scrap.*

In kontroeżami x-xhud Carmel Lia[31] qal illi fil-Venue kienu waħedhom hu, Nathan Zammit u l-konvenut u bejniethom hemmhekk xorbu "biss" xi flixkun inbid jew tnejn bejniethom. Fis-South Park għalkemm baqgħu flimkien u bdew ikomplu ma' nies oħra. Ix-xhud jgħid li f'South Park waslu xil-ħdax ta' billejl u għalkemm l-attriċi u Anne Marie Dalli għall-bidu kienu ma' ħbieb oħrajn, wara ġew ħdejhom u sakemm telqu kulħadd kien ħa xi erba' drinks. Peress li t-tfajliet kienu sejrin lura d-dar bil-mixi, huma offrewlhom *lift* għad-dar wara li jmorru jieklu l-McDonalds. Ix-xhud ikkonferma li hu kien riekeb quddiem u peress li hu jsuq, huwa kien konxju li qabel l-inċident l-konvenut kien qed isuq aktar min-normal, u jispjega li n-normal għalih hu xi 80 mil fis-siegħa.

*Provi u kostatazzjonijiet dwar danni sofferti mill-attriċi*

*Damnum emergens:*

L-attriċi ikkwantifikat id-danni permezz ta' irċevuti ppreżentati permezz ta' nota[32] u rċevuti oħrajn annessi mar-Rikors Maħluf, uħud duplikati, li minnhom għandhom jiġu eliminati l-irċevuti tal-ispejjeż legali jew ġudizzjarji li fl-aħħar

[31] *A fol.* 269 sa 271.
[32] *A fol.* 210 sa 212.

mill-aħħar jiġu inklużi fit-taxxa finali tal-ispejjeż tal-kawża. Kwantu għaż-żewġ rapporti mediċi tal-kirurgi Massimo Abela u Ray Debono li swew lil attriċi €200 u €175 rispettivament[33], għalkemm mhumiex ikkonfermati mill-imsemmija konsulenti bil-ġurament tagħhom, għandhom jitqiesu li huma raġonevoli. Kwantu għall-ispiża għall-mediċini u terapija fl-Isptar St. James fis-somma ta' €227.26[34], din ukoll għandha titqies bħala waħda raġonevoli. Għalhekk bħala *damnum emergens* l-attriċi qed titlob is-somma komplessiva ta' €602.26.

*Lucrum cessans:*

Flimkien mar-Rikors Maħluf, l-attriċi ppreżentat ċertifikati li saru fl-2013 mill-kirurgu ortopediku Mr Massimo Abela wasal għal rata ta' diżabilità permanenti ta' 6% u mill-kirurgu fir-rikostruzzjoni plastika Mr Ray Debono li wasal għal rata ta' diżabilità permanenti ta' 10%.[35] Il-Qorti ħatret bħala esperti mediċi lill-kirurgu ortopediku Mr Joseph N. Borg u lill-konsulent fil-kirurġija plastika u rikostruttiva Mr Joseph E. Briffa, li eżaminaw lill-attriċi u rrediġew ir-rapport tagħhom fl-2016. Ir-rapport ta' Mr Joseph N. Borg[36] jagħmel riferiment għall-*file* tal-attriċi tal-Isptar Mater Dei fejn jirriżulta li b'konsegwenza tal-inċident hija ġarbet *"lacerocontused wound right side of vertex, abrasion left elbow* u *closed mid shaft R femur fracture."* Ma jidhirx li l-attriċi kellha xi kundizzjoni medika qabel l-inċident u mill-progress li għamlet l-attriċi sad-data tal-eżami kellha *"distinct right sided short leg gait with shoulder dipping".* Fil-fatt il-*femur* tal-lemin hija 1.5cm. iqsar u l-istess kirurgu jgħid li din ma tistax titranġa. Mr Borg iżid jgħid:

---

[33] *A fol.* 28 *et seq.* u *a fol.* 47 *et seq*. rispettivament.
[34] *A fol.* 24, *a fol.* 26 , *a fol.* 27, *a fol.* 29, u *a fol.* 32.
[35] *A fol.* 9 sa 12 u 13 sa 16.
[36] *A fol.* 177 sa 181.

> *"The only way of correcting this is removing the plate, re-breaking and lengthening the femur which in my opinion shoud be best avoided given considerable complications of limb lengthening."*

Mr Joseph Borg wasal għall-konklużjoni li l-attriċi b'konsegwenza tal-inċident *de quo* sofriet diżabilità permanenti ta' 7%.

Mr Joseph E. Briffa fir-rapport tiegħu[37] jgħid li mill-eżami kliniku li għamel seta' jikkonstata bosta marki li huma kollha maturi, bojod u mfejqa sew:

> "1. Merk *(scar)* twil 0.3 ċentimetri fuq in-naħa tal-lemin tal-*glabella* tal-moħħ, 2. Merk twil 1.6 ċentimetri fuq in-naħa tal-lemin tan-naħa isfel tad-dahar, 3. Merk twil 2.3 ċentimetri fuq in-naħa tal-lemin tal-parti parieto-oċċipitali tar-ras. Ix-xagħar ma jikbirx minn ġol merk (*alopecia)* u 4. Merk vertikali twil 16.5 ċentimetri u wiesgħa 0.4 ċentimetri fuq in-naħa laterali tal-koxxa leminija. Dan il-merk huwa riżultat tal-qasma li saret sabiex issir l-operazzjoni fuq il-*femur.*
>
> **<u>Dijanjożi Klinika:</u>**
>
> Il-marki kollha li għandha din it-tfajla huma ta' natura permanenti. Ma jistgħux jittejbu jew jitneħħew permezz ta' kirurġija plastika. In-nuqqas ta' xagħar fil-merk tar-ras huwa riżultat dirett tal-ħsara li saret lill-basla tax-xagħar u għahekk din l-*alopecia* hija wkoll permanenti.
>
> Għalkemm wieħed jista' jikkunsidra terapija permezz ta' *laser* biex il-marki jidhru inqas, ir-riżultat ma jistax jiġi garantit għax hemm riskju ta' kambjament fil-kulur tal-ġilda ta' madwarhom. Minkejja dan, jistgħu jinħbew bl-użu ta' kosmetiċi apposta. L-użu ta' dan it-tip ta' kosmetiċi jinvolvi spiża rikorrenti tul ħajjet is-sinjorina Farrugia. Jiena m'inix f'posizzjoni illi nevalwa din l-ispiża."

Mr Briffa jispjega kif u meta tali marki jistgħu jinħbew f'ċerti ċirkostanzi u fejn jibqgħu jidhru f'ċirkostanzi oħra u jikkonkludi billi jagħti s-segwenti diżabilità

[37] *A fol.* 190 sa 193.

maħduma skont il-*"Guides to the Evaluation of Permanent Impairment (American Association, 6th. Edition, 2008)":*

> 1. Merk fuq il-*glabella* 0.25%, 2. Merk fuq il-lemin tan-naħa t'isfel tad-dahar 0.50%, 3. Merk fir-ras b'nuqqas ta' xagħar 0.25% u 4. Merk fuq in-naħa laterali tal-koxxa tal-lemin 5.00%, għal total ta' 6%.

Finalment f'rapport konġunt[38] magħmul minn dawn żewġ kirurgi fuq id-direzzjoni ta' din il-Qorti, huma waslu għal *composite final percentage disability* ta' 100 - 7 x 6 diviża b'100 + 6 = 12.58% u rrotondata għal 13% fuq il-formula (100-M) x m diviża b' 100 + M fejn M hu 7% u m hu 6%.

L-attriċi Yasmine Farrugia fl-*affidavit* tagħha spjegat li fid-data tal-inċident hija kellha sittax-il sena.[39] Qalet ukoll li fiż-żmien tal-inċident hija kienet qiegħda tistudja għal *hairdresser* l-MCAST, però ma setgħetx tkompli peress li wara l-inċident hija ma setgħetx tagħmel ħin fit-tul bilwieqfa. Dan ġie kkonfermat ukoll minn missier l-attriċi, **Maurice Farrugia** fl-*affidavit* tiegħu.[40]

**Raymond Mangion**, uffiċjal l-MCAST fl-Uffiċju tar-Reġistratur, imtella' jixhed mill-attriċi[41], qal li l-attriċi ġiet *struck off* bħala studenta fil-11 ta' April, 2012 minħabba assenzi kontinwi eżatt wara l-inċident tat-traffiku fejn kienet korriet.[42]

Mid-dokument esebit *a fol.* 168, jirriżulta li l-attriċi kienet impjegata bħala skrivana mas-soċjetà Vistra (Malta) Limited fl-2015 u mid-dokumenti *a fol.*

[38] *A fol.* 203.
[39] Ara kopja taċ-ċerifikat tat-twelid tagħha, *a fol.* 145, minn fejn jirriżulta li hija twieldet fit-22 ta' Awwissu, 1995.
[40] *A fol.* 160 u 161.
[41] *A fol.* 155A sa 155C.
[42] Ara ukoll ix-xhieda tiegħu in kontroeazmi *a fol.* 264 u 265 u d-dokumenti eżebiti mix-xhud *a fol.* 162 sa 165, 266 sa 268 u 276 u 277.

219 sa 221 jirriżulta li fl-2017 kellha promozzjoni għal *Junior Relationship Officer* u l-paga tagħha għoliet għal €1,098.50 fix-xahar.

**Konsiderazzjonijiet legali**

*Responsabbilità għall-inċident:*

Illi mill-provi miġjuba mill-partijiet jirriżulta li l-unika konklużjoni li din il-Qorti tista' tasal għaliha hi waħda, u ċjoè li l-kawża prossima u unika tal-inċident kienet il-veloċità sfrenata li kien għaddej biha l-konvenut meta seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża. Veru li x-xhieda tal-passiġġiera kollha fil-vettura tal-konvenut kienet pjuttost konfuża. L-attriċi u seħbitha Ann Marie Dalli ma jiftakru xejn mill-mument li ħarġu mill-istabbiliment South Park u dan skont huma mhux għax kienu xurbana, iżda b'effett tat-trawma tal-inċident. Anki x-xhieda ta' Nathan Zammit u Carmel Lia hija ukoll pjuttost konfuża bl-iskuża tat-trapass taż-żmien, però skont l-istqarrija tagħhom lill-Pulizija dakinhar stess tal-inċident, it-tnejn li huma jsemmu l-veloċità qawwija li biha kien għaddej l-konvenut. Mill-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenut dwar dan l-inċident u mill-konklużjonijiet tal-esperti f'dawk il-proċeduri, jirriżulta li l-konvenut kien għaddej b'veloċità ta' 169 k.p.h. Fl-istqarrija li ta Carmel Lia lill-Pulizija, li kien l-uniku passiġġer li qal li kien liebes *seat belt,* jgħid li xi ħadd li kien bilqiegħda fuq is-*seat* ta' wara kien qal lill-konvenut biex inaqqas il-veloċità.

Illi kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **Maruice Meli Bugeja *pro et noe vs.* Francis Vella**[43]:

> "Il-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma distinti u separati u ma hemm xejn li jżomm lill-atturi biex jintavolaw din il-kawża fil-mori ta' proċeduri kriminali..."

Dan kif wara kollox jistabbilixxi l-artikolu 6 tal-Kap. 9 fejn jiġi rikonoxxut li att delittwuż jista' jwassal għal żewġ azzjonijiet, l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili, li però jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra. Iżda fis-sentenza fl-ismijiet **Schembri *vs.* Portelli** ntqal dan li ġej:

> "Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa *vs.* Abela**, deċiża fit-28 ta' Marzu 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju *in sede penale* jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti". Din il-Qorti, fil-kawża **Xuereb *vs.* Micallef**, deċiża fis-26 ta' Novembru, 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi "*si ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale*".[44]

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Degabriele *vs.* Montebello**[45], b'adeżjoni ma' gurisprudenza anterjuri, qalet li "ma hemm xejn ħażin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi migbura fi proċediment kriminali", proprju għaliex fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-qorti kriminali fuq l-istess fatti. Però dik il-

---

43 P.A., 26.01.2001.
44 Q.A., 31.05.2013.
45 P.A., 28.01.2010.

Qorti enfasizzat li din hija biss waħda mill-provi li l-qorti ċivili għandha tieħu in konsiderazzjoni.[46]

Illi kwantu għal grad probatorju rikjest fi proċeduri ċivili u proċeduri kriminali:

> "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli". (**Eucaristico Zammit *vs.* Eustrachio Petrococchino**, App., 25.02.1952).[47]

Minn dan it-tagħlim ġurisprudenzjali, fil-każ preżenti jitnisslu żewġ elementi importani, illi l-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża kriminali **Spettur Priscilla Caruana *vs.* David Callus** waslet għall-konklużjoni lil hinn minn kull dubju li ma kien hemm l-ebda kawża esterna li setgħet ikkaġunat jew ikkontribwiet għal dan l-inċident. It-triq kienet niexfa u ttarmakjata, ma kienx hemm vetturi oħrajn fit-triq u għalkemm billejl, kien hemm dwal suffiċjenti mill-bozoz tat-triq u bl-ebda mod ma rriżulta mill-provi li kien hemm xi difett fl-*isteering* tal-vettura tal-konvenut. L-unika kawża tal-inċident kienet il-veloċità eċċessiva li biha kien qiegħed isuq l-konvenut. Din kienet ukoll il-konklużjoni li waslu għaliha l-esperti li ġew appuntati mill-Maġistrat Inkwirenti. Huwa veru li l-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali ma sabitx lill-konvenut odjern ħati tal-akkuża ta' sewqan taħt l-effett tal-alkoħol għar-raġuni li t-test tad-demm kien jgħid li ma kienx għal *"medico-legal use",* minkejja li r-riżultat kien juri li l-konvenut kellu *intake* ta' alkoħol eċċessiv fid-demm. Mandankollu

[46] Ara wkoll, fl-istess sens, **Pace *vs.* Camilleri**, Q.A., 27.07.2007; **Caruana *vs.* Ministeru tal-Ambjent *et***, P.A., 07.07.2004 u **Bugeja *vs.* Coreschi**, Q.A., 30.04.2009.

[47] Ara wkoll **Paul Vassallo *vs.* Carmelo Pace**, App., 05.03.1986 u **Group 4 Securitas (Malta Limited) *vs.* Godfrey Lopez *et***, P.A., 25.11.2013.

għall-finijiet probatorji fi proċeduri ċivili fejn hija biżżejjed il-preponderanza tal-probabilitajiet, abbażi tal-imsemmi test tad-demm, magħdud ma' dak li xehdu wħud mill-passiġġiera fil-vettura tal-konvenut, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-konvenut, anki jekk jista' jagħti l-każ li ma kienx qed juri li kien fi stat ta' sokor evidenti, huwa kien qed isuq taħt l-effett tal-alkoħol u żgur li ma kienx f'qagħda li jsuq b'veloċità tant qawwija u jżomm kontroll tal-vettura tiegħu.

Stabbilit li r-responsabbilità għall-inċident kienet unikament tal-konvenut, wieħed irid jara jekk kienx hemm kontributorjetà da parti tal-attriċi mhux għall-inċident, iżda kontributorjetà għad-danni minħabba d-dubju li nħoloq jekk l-attriċi kinitx liebsa s-*seat belt* jew le.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Pace *et vs.* Antoine Bartolo *et***[48] intqal:

> "Iżda l-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dana l-każ, u minħabba l-fatturi ambjentali, l-i*speed* li kien għaddej bih tar-Renault ma kienx prudenti u kien hemm *self inflicted incapacity* li wasslet biex is-sewqan tiegħu kkontribwixxa u aggrava l-inċident:
>
> "*Speed* jista' jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument." **App. Krim. Pul. vs R. Bugeja**, 30.06.1962.""

Kien proprju l-i*speed* eċċessiv il-kaġun tal-inċident. Fil-każ odjern mhux biss kien hemm veloċità inkonsulta, imma din kienet estremament qawwija (169 k.p.h) fejn it-traġitt ma setax jispiċċa għajr kif spiċċa traġikament. Wieħed irid jara però jekk kienx hemm xi negliġenza kontributorja da parti tal-attriċi. Isir

[48] Q.A, 25.09.2006.

hawnhekk riferiment għall-insenjament ta' Lord Denning fis-sentenza fl-ismijiet **Froom *et vs.* Butcher** (1975):

> *"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others.* ***Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself.***[49]*"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Alan Busuttil *et vs.* Raymond Farrugia**[50] jingħad ukoll:

> "Kif ighid l-awtur **John M. Logan** fil-ktieb tieghu *Briefcase of Tort Law 1995, "If as a result of his contributory negligence the plaintiff suffers greater injury than he otherwise would have sustained, then his entitlement to compensation should reflect that fact.""*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Kyle Saliba *vs.* John Borg *et***[51] ingħad:

> "Fil-kaz **Froom *vs.* Butcher** (1976), Lord Denning osserva:-
>
> "*The question is not what was the cause of the accident.* ***It is rather what was the cause of the damage****. In most accidents on the road the bad driving which causes the accident also causes the ensuing damage.* ***But, in seatbelt cases, the cause of the accident is one thing. The cause of the damage is another****. The accident is caused by the bad driving. The damage is caused in part by the bad driving of the defendant and in part by the failure of the plaintiff to wear a seatbelt. If the plaintiff was to blame in not wearing a seatbelt, the damage is in part the result of his own fault. He must bear some share in the responsibility for the damage and his damages fall to be reduced to such extent as the court thinks just and equitable*". ...
>
> .... Ġjaladarba l-vettura nqalbet, l-attur ma kienx liebes *seatbelt* u wara li l-qorti qieset dak li xehed l-istess attur in kontro-eżami, tikkonkludi li l-

[49] Enfażi ta' din il-Qorti.
[50] P.A.,04.10.2011.
[51] 23.10.2015.

> fatt li ma kienx liebes *seatbelt* ikkontribwixxa għal ġrieħi li sofra. Għalhekk f'dan il-każ il-qorti tqies li hemm element ta' negliġenza kontributorja għad-danni li sofra l-attur u ser tnaqqas 15% mid-danni li ser tillikwida."

F'dawk il-każijiet fejn il-Qrati tagħna waslu għall-konklużjoni li inċident kien tant vjolenti li n-nuqqas tas-*seat belt* ma kienx jaffetwa d-danni, bħal pereżempju f'każ ta' mewt li tkun inevitabbli minħabba x-xorta tal-inċident, kemm jekk wieħed kien liebes is-*seat belt* kemm jekk le, ma jitnaqqasx perċentwali mid-danni għan-negliġenza kontributorja tal-attur li ma kienx liebes is-*seat belt.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Xerri *pro et noe vs.* Clint Xuereb *et***[52] jingħad:

> "Jekk għall-grazzja tal-argument biss wieħed kellu jaċċetta t-teżi li l-vittma ma kenitx liebsa *seat belt*, il-konvenut kellu jagħti prova li s-*seatbelt* kienet issalvalha ħajjitha. Meta tqies kemm kien inċident vjolenti hekk biss il-qorti tista' taċċetta t-teżi ta' negliġenza kontributorja. Prova simili ma saritx. Il-vettura waqgħet għoli ta' erba' metri."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Turner *et vs.* Francis Agius *et***[53] fejn jerġa' jsir riferiment għas-sentenza **Froom *vs.* Turner** u għall-prinċipju *volenti non fit injuria,* jingħad:

> "L-istess awtur jiċċita każ li deher quddiem il-Qorti tal-Appel Ingliż – *Queens Bench Division* (**Froom *vs.* Butcher** [1975] QB 286) fejn jgħid hekk:

[52] P.A., 30.06.2015.
[53] Q.A., 28.11.2003.

> *"The Court of Appeal held that failure to wear a seat belt – not then a legal requirement – was contributory negligence. The question was, what was the cause of the accident? The damage was caused in part by the defendant's bad driving and in part by the failure of the plaintiff to wear a seat belt – a prudent precaution. Where damages would have been prevented the Court of Appeal thought damages should be reduced by 25%.""*

Kemm-il passiġġier Nathan Zammit u kemm-il konvenut jammettu li ma kinux libsin is-*seat belt,* però ma jafux jekk il-passiġġieri l-oħrajn kinux lebsin is-*seat belt.* Il-passiġġier Carmel Lia li kien quddiem, kien l-uniku wieħed li ddikjara li kien liebes is-*seat belt,* iżda bl-impatt vjolenti xorta spiċċa mtajjar minn ġol-vettura. Ann Marie Dalli u l-attriċi qalu li ma jafux jekk kinux libsin *seat belt* jew le u ma jiktakrux minħabba t-trawma fiżika tal-inċident. Mhuwiex eskluż li l-attriċi u Ann Marie Dalli kienu ukoll taħt l-effett tal-alkoħol u jista' jkun li ma libsux is-*seat belt,* imma din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq possibiltajiet ipotetiċi iżda fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Kif inhu risaput il-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi u abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li min jallega jrid jipprova, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12, kien l-obbligu tal-konvenut li jipprova li l-attriċi ma kinitx liebsa s-*seat belt* u li dan il-fattur wassal biex żdiedu id-danni sofferti, għax kieku probabilment ma kinitx ittir mill-karozza. Carmel Lia, li kien liebes is-*seat belt,* xorta tar mill-karozza bil-vjolenza tad-daqqa kaġun tal-veloċità eċċessiva li kien qiegħed issuq biha l-konvenut. Fir-rigward tal-attriċi ma hemm ebda prova li ma kinitx liebsa s-*seat belt*, imma hemm sempliċement insinwazzjoni, li ċertament li mhijiex biżżejjed.

Stabbilit għaldaqstant li tort tal-inċident kien biss tal-konvenut u li l-kawża tad-danni kienet ir-responsabbilità assoluta u unika tal-konvenut, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkwantifika u tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi.

*Damnum Emergens:*

Mill-provi miġjuba jirriżulta li d-danni sofferti mill-attriċi bħala *damnum emergens* kif elenkat aktar 'il fuq u ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti, jammontaw għal €602.26.

*Lucrum Cessans:*

Din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax għaliex ma għandhiex toqgħod fuq ir-rata ta' diżabilità permanenti komplessiva stabbilita miż-żewġ esperti mediċi appuntati minnha, Mr Joseph N. Borg u Mr Joseph E. Briffa ta' 13%. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **John Busuttil *et vs.* Tapa Limited**[54]:

> "Il-Qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi għalhekk ma tarax għaliex ma għandhiex tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta' Ġunju 1967 fl-ismijiet **Giswarda Bugeja *vs.* Emanuele Muscat *et*** għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu *il giudizio dell'arte* espress mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħitja b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokkè ma

[54] P.A., 11.01.2010, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appel fil-31.05.2013.

jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli."

Kif ġie affermat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Edwin Vella *vs.* Joanna Briffa**[55]:

"Magħmula din l-introduzzjoni, huwa paċifiku illi l-konklużjonijiet peritali u x-xhieda tal-espert tekniku in eskussjoni jikkostitwixxu prova għall-Qorti (Artikolu 644 tal-Kapitolu 12) u, allura bħal materjali istruttorji oħra huma kontrollabbli mill-ġudikant. Ara **Giswarda Bugeja *et vs.* Emanuele Muscat *et***", Appell Ċivili, 23 ta' Ġunju 1967. Hu minnu illi l-Qorti ma hix marbuta li taċċetta l-konklużjonijet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha (Artikolu 681 tal-Kapitolu 12), però daqstant ieħor hu wkoll konkordament riċevut u aċċettat illi "dan ma jfisserx illi l-Qorti arbitrarjament u bla raġuni tista' tiskarta konklużjoni ta' perit minnha nominat" (**Anthony Cauchi *vs.* Carmel Mercieca**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999).

Kif issokta jiġi preċiżat "il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taħt eżami". (**Philip Grima *vs.* Carmelo Mamo *et nomine***, Appell, 29 ta' Mejju 1998)".

Din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tbiddel ir-rata ta' diżabilità permanenti stabbilita mill-esperti mediċi inkarigati minnha, aktar u aktar meta effettivament ma saritx talba għall-eskussjoni tal-esperti mediċi u lanqas saret talba formali għall-ħatra ta' periti perizjuri.

Fi żmien tal-inċident l-attriċi kellha sittax-il sena magħluqa. Hija tilfet ħafna stipendji dovuti lilha mill-MCAST kaġun tad-diżabilità sofferta minnha. Sussegwentement l-introjtu tal-attriċi fl-2017 kien ta' €1,098.50 fix-xahar u ċjoè ta' €13,182 fis-sena. Il-Qorti ser tieħu dan bħala bażi ta' introjtu medju

[55] Q.A. (Inf.),18.10.2006 *per* Imħallef Philip Sciberras.

tal-attriċi tenut kont li mhux qed jiġi kkunsidrat it-telf ta' dħul li l-attriċi kellha mill-MCAST u lanqas tal-eventwali qligħ li kien ser ikollha min-negozju ta' *hairdresser* li kieku ma seħħx l-inċident. Ma' dan ser jiżdied 35.5%[56] tal-imsemmi introjtu, u ċjoè s-somma ta' €4,680, biex tagħmel tajjeb għal żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*, tenut kont ukoll tal-fatt illi mill-provi in atti jirriżulta illi l-attriċi fadlilha possibilitajiet ta' promozzjonijiet. Il-*multiplier* għalhekk ser jiġi kkalkulat fuq introjtu medju ta' €17,862 fis-sena. Abbażi tal-età tal-attriċi, skont il-liġijiet viġenti tal-pajjiż, hija tkun intitolata għall-pensjoni meta tagħlaq l-età ta' 65 sena, għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jkun ġust li jintuża *multiplier* ta' sebgħa u tletin sena (37) sena, tenut kont tal-età tal-attriċi fi żmien l-inċident, kif ukoll tal-fatt li ma ġiex ikkalkulat it-telf ta' introjtu għas-snin 2011 sal-2016, u tal-*working life expectancy* tal-attriċi f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment u taċ-*chances and changes of life*.

Il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* għandha ssir b'dan il-mod: (€17,862 x 37) x 13% = €85,916.22. It-tnaqqis għal-*lump sum payment* solitament hu ta' 20%, iżda in vista tal-fatt li ma ġiex ikkomputat id-dħul għall-ewwel sitt snin, u ilhom li għaddew aktar minn sitt (6) snin minn mindu seħħ l-inċident mertu tal-kawża, mhu ser isir l-ebda tnaqqis għal-*lump sum payment*.

B'kollox is-somma dovuta lill-attriċi bħala *damnum emergens* u bħala *lucrum cessans,* hija ta' €86,518.48.

[56] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi u tiddikjara lill-konvenut David Callus responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fit-8 ta' Ottubru, 2011, fi Triq il-Belt Valletta, Żurrieq, li fih korriet gravi l-attriċi, passiġġiera fil-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni XSI 200 misjuqa mill-konvenut, b'riżultat ta' liema soffriet danni u debilità permanenti.**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' sitta u tmenin elf, ħames mija u tmintax-il Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€86,518.48);**

**3. Tilqa' t-tielet talba tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati.**

**Bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 1629/2013, kontra l-konvenut.**

Moqrija.